**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 2019**

**Appell numru: 160/2018**
**Wara sentenza tat-Tribunal Industrijali**
**datata 20 ta' Novembru, 2018**

**Publius Davison**

**vs.**

**De La Rue Currency and Security Print Limited**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell tas-socjetajiet intimati minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali datata 20 ta' Novembru, 2018 fejn gie deciz kif isegwi:

*'Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li kif qal tajjeb il-Qorti ta' l-Appell, li ma hemm ebda raguni ghala persuna li tkun sofriet tkeccija ngusta m'ghandhiex tigi kkumpensata b'likwidazzjoni ta' danni reali sofferti u mhux danni ekwivalenti. Dan it-Tribunal huwa ukoll tal-fehma li jaghmel*

*sew ir-rikorrent li: "jippretendi kumpens gust bhal ma jaghmel kull attur iehor li jkun sofra danni." Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jillikwida danni reali sofferti mir-rikorrenti kif migjuba fil-provi, li jammontaw ghas-somma ta' disghin elf, tliet mija u erbgha u sebghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€90,374.43). Din is-somma ghandha tithallas fi zmien xahar minn din id-data.'*

2. Illi d-decizjoni appellata ssegwi zewg decizjonijiet precedenti tal-Qorti tal-Appell fl-atti fejn fl-ewwel wahda datata 27 ta' April, 2016 gie deciz kif isegwi:

*'Rat ir-rikors li ressaq Publius Davison ipprezentat fit-2 ta' Lulju 2008 quddiem it-Tribunal Industrijali fejn allega tkeccija ngusta mill-impjieg tieghu bhala security guard mas-socjeta' ntimata b'rizultat ta' ncident minuri u dan nonostante snin twal ta' servizz leali lejha. Ir-rikorrent ippremetta li huwa kien ha mieghu fuq il-post tax-xoghol plakka li nkisritlu d-dar bil-ghan li jsewwiha meta jkollu ftit hin liberu. Zammha fil-locker ghal diversi jiem minhabba mpenji ohra tax-xoghol. Jum minnhom qabad stocc kolla li kien hemm fuq magna fil-fabbrika u poggih fil-but tal-qmis biex wara li jlesti x-xoghol juzah biex isewwi din il-plakka. Ghamel xi hin idur il-fabbrika bl-istocc fil-but sakemm f'xi hin huwa gie avvicinat minn ufficjali tal-kumpanija li akkuzawh li ha dan l-istocc. Huwa tahom lura l-istocc immedjatament. Wara li l-locker tieghu kien gie sgassat instabet fih il-plakka tad-dawl imkissra. Ir-rikorrent dejjem agixxa in buona fede u ma kellu ebda ntenzjoni li johrog din il-kolla barra mill-post tax-xoghol tant li huwa kien ha l-plakka mkissra mieghu. Is-socjeta' ntimata m'akkuzatux b'serq izda wara li ssottoponietu ghall-proceduri nterni ta' dixxiplina*

*ddecidiet li tkeccieh sempliciment ghaliex huwa caqlaq l-istocc minn kamra ghall-ohra fl-istess premises minghajr permess. Ir-rikorrent talab lit-Tribunal jordna li huwa ghandu jerga' jinghata lura l-impjieg tieghu bid-drittijiet kollha li kellu, jew jekk dan jirrizulta li ma kienx possibbli, li jinghata kumpens xieraq.*

*Rat ir-risposta tas-socjeta' ntimata li permezz taghha (i) ggustifikat it-tkeccija tar-rikorrent wara li nstabet fil-pussess tieghu proprjeta' tal-kumpanija minghajr ma kien awtorizzat li jkollu tali proprjeta', u dan f'cirkustanzi aggravati mill-fatt li huwa kien impjegat f'kariga fejn kien obbligat illi jassikura li ma jsirux dawn it-tip t'affarijiet; (ii) eccepiet li gew segwiti l-proceduri kollha rilevanti skont il-Ftehim Kollettiv; (iii) insistiet li n-natura tax-xoghol esegwit minnha kien jirrikjedi rigorozita' shiha f'cirkustanzi bhal dawk li sab ruhu fihom ir-rikorrent, u la huwa kellu responsabilta' akbar minn dik ta' mpjegati ohra s-socjeta' ntimata ma kellha ebda alternattiva hlief li titterminalu l-impjieg.*

*Rat id-decizjoni tat-Tribunal tal-4 ta' Gunju 2012 li tghid hekk:*

*"It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidra l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet kif ukoll in-noti, ra u ezamina d-dokumenti ezibiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkustanzi kollha tal-kaz jiddikjara li s-socjeta' De la Rue Currency and Security Print Ltd kien gustifikat li jkecci lil Publius Davison mix-xoghol tieghu.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan l-Appell bl-ispejjez jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet."*

*Fid-decizjoni t-Tribunal ghamel dawn il-konsiderazzjonijiet:-*

*i. Ir-rikorrent ammetta li kien ha jew issellef l-istocc tal-kolla u dam xi*

*hin igorru mieghu fil-but tal-qmis minn post ghall-iehor;*

*ii. Ir-rikorrent kien jaf bir-regoli stretti tal-kumpanija u li ma seta' jinhareg xejn minn post ghall-iehor minghajr il-permess ta' xi supervisor u nonostante dan huwa kisirhom;*

*iii. Il-fatt li huwa kien jaf bl-ezistenza ta' CCTV cameras u li zamm l-istocc fil-but fejn jidher ghal xi hin ma hix ta' sostenn ghad-difiza tieghu ghax huwa kien tenut li jaghti ezempju u mhux jistenna li jigi mwissi;*

*iv. Tenut kont li l-plakka mkissra kienet ilha xi jiem fil-locker tar-rikorrent ma kien hemm ebda urgenza jew gustifikazzjoni li jiehu l-istocc f'mument meta ma sab lil hadd biex jistaqsi ghalih;*

*v. Ir-reazzjoni tar-rikorrent meta gie konfrontat hija riflessjoni tal-fatt li hu rrealizza l-konsegwenzi li seta' jkollu jiffaccja u mhux li gie mwerwer mill-ufficjali tas-socjeta' ntimata;*

*vi. Ghalkemm huwa minnu li dan m'huwiex kaz ta' certa gravita' enormi, pero' s-socjeta' ntimata kienet gustifikata fid-decizjoni taghha meta wiehed jikkunsidra c-cirkostanzi, u cioe' li:*

- *mhux talli naqas li josserva r-regoli li huwa kien impjegat biex jissorvelja, talli kisirhom huwa stess;*
- *il-fatt li kien jaf li hemm cameras kullimkien kien imissu qaghad aktar attent qabel agixxa u talab permess;*
- *il-fatt li kien jaf li kellu jitlob il-permess sabiex jinhareg xi haga minn dipartiment ghall-iehor u ma talabx permess juri nuqqas serju tar-rwol*

*tieghu;*

 *jekk kull impjegat jissellef xi haga jirrenja t-tahwid u ghalhekk hemm ir-regoli stretti;*

 *il-fatt li s-socjeta' ntimata tipprintja l-flus u taghmel il-passaporti juri li s-sigurta' hija ta' mportanza kbira u r-rikorrent naqas serjament milli jzomm dik il-fiducja.*

*Ir-rikorrent hassu aggravat b'din id-decizjoni tat-Tribunal u ressaq appell quddiem din il-Qorti. Is-socjeta' ntimata wiegbet. Waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2013 dehru l-partijiet assistiti u d-difensuri taghhom trattaw il-kaz.*

*Il-Qorti rat l-atti.*

*Preliminari*

*Fit-twegiba s-socjeta' intimata qalet li:-*

*"Preliminarjament, ir-rikors ghandu jigi ddikjarat null u bla effett minhabba l-karatterizazzjonijiet fiergha li hemm fl-ahhar paragrafu ta' pagna 2. Ghandu jigi meqjus hekk ukoll minhabba l-attakki personali fuq Ronald Bonnici, liema attakki m'humiex denji li jigu meqjusa accettabbli fi process gudizzjarju, specjalment tenut kont li saru fuq il-persuna li qeghdha taqdi dmirijietha bhala mpjegat."*

*Appell ma jigix dikjarat null minhabba l-lingwagg li jkun intuza. Kull parti ghandha rimedji ohra fil-ligi jekk toggezzjona ghal xi kliem li jkun intuza f'att gudizzjarju.*

*Ghalhekk din l-eccezzjoni hi michuda.*

*L-aggravju tal-appellant.*

*Fis-sustanza tieghu l-appell jiffoka fuq l-ilment li l-provi li kellu quddiemu t-Tribunal ma kinux bizzejjed sabiex iwasslu ghal raguni tajba u sufficjenti ghat-terminazzjoni kif ukoll kien hemm nuqqas ta' proporzjonalita' bejn l-agir kolpuz tal-appellant u s-sanzjoni tat-tkeccija, fis-sens li anke jekk kien hemm nuqqas da parti tieghu, dan kien tant minimu li legalment ma setax iwassal ghall-piena drastika tat-terminazzjoni tal-impjieg.*

*Min-naha taghha s-socjeta' appellata targumenta li l-appell ma jitratta ebda punt ta' dritt izda jattakka biss l-apprezzament tal-fatti li ghamel it-Tribunal.*

*Skont is-subinciz (3) tal-artikolu 82 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-kazi ta' tkeccija minghajr kawza gusta ikun hemm dritt ta' appell biss fuq punt ta' ligi.*

*Fil-kaz Kenneth Vella vs Seabank Catering Co.Ltd deciza fit-23 ta' Mejju 2008 din il-qorti osservat:-*

*"Hu principju ripetutament affermat minn din il-Qorti illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit, jew, del resto wkoll, minn tribunali jew bordijiet ohra fejn id-dritt ta' l-appell hu hekk limitat ghall-"punt ta' ligi", irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza tal-punt ta' dritt. Fi kliem iehor, l-aggravju jrid jippostula sew l-allegazzjoni esplicita tal-punt ta' dritt applikat fir-rigward ta' l-elementi tal-provi accertati,.....".*

*Il-kwistjoni tax-xoghol in ezami titratta kaz ta' allegata tkeccija ngusta.*

*Filwaqt li l-apprezzament tal-fatti mit-Tribunal per se jezorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti. Din il-Qorti f'diversi okkazjonijiet elenkat il-principji ta' dritt li jirregolaw it-tkeccija ta' haddiem mill-impjieg tieghu: Fis-sentenza Daniel D'Amato vs Oil Tanking Malta Ltd tat-30 ta' Settembru 2015, din il-qorti qalet:-*

*"L-impjieg li huwa l-ghajn tal-ghejxien ghall-haddiem u l-familja tieghu huwa sagru u ghalhekk tkeccija ma tistax tinghata bhala kastig jekk ma tkunx konsegwenza ta' xi offiza gravi tant illi meta wiehed jizen in-nuqqas tieghu mal-hsara li jista' jsofri l-principal ghal tali nuqqas, dan ixaqleb favur il-principal. Huwa biss f'din ic-cirkostanza illi t-tkeccija tkun gustifikata...."*

*Fil-kaz fl-ismijiet Arthur Walker vs Foster Clarks Products Limited deciz fit-30 t'April 2008, gie ritenut li:-*

*"Opportunement, irid jigi registrat illi l-kuncett ta' kawza gusta u valida ghat-tmiem tar-rapport ta' impjieg hu ravvizat f'dawk il-fatti u mgibiet tali li jinducu ghat-telf ta' fiducja, anke ghaliex dan hu komunement intiz bhala l-presuppost essenzjali ta' dan ir-rapport. Dan dejjem b'riferiment ghall-aspetti konkreti tan-natura tar-rapport, il-pozizzjoni ta' l-impjegat fl-azjenda, l-intensita' ta' l-allegata kondotta kolpuza u ta' kwalsiasi aspett iehor korrelatat mar-rapport."*

*Imbaghad fil-kaz Charlot Scerri vs ST Microelectronics (Malta) Limited deciz fl-1 ta' Marzu 2006 intqal li:–*

*"B'mod generali jidher li f'materja ta' tkeccija mill-impjieg iridu jitharsu dawn il-principji rakkolti mid-duttrina Ingliza u dik kontinentali fuq is-suggett:-*

*(1) L-addebitu tan-nuqqas jew ta' l-imgieba hazina jrid ikun specifiku, jigifieri ghandu jkun formulat b'mod car ta' l-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux accettat allura li l-addebitu jkun bazat fuq semplici suspetti vagi jew ridott ghall-alluzjonijiet generici;*

*(2) Ir-reazzjoni mill-principal trid tkun ukoll wahda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiza mmedjata, u daqstant iehor effikaci, biex jilqa' ghall-akkuzi fil-konfront tieghu;*

*(3) Il-kontestazzjoni minn min ihaddem tesigi, b'necessita', li tkun immutabbli, jigifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak migjub 'il quddiem bhala bazi ta' akkuza u ta' l-azzjoni dixxiplinarja dwaru;*

*(4) Ta' importanza, imbaghad, huwa l-principju tal-proporzjonalita' bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tigi komminata mill-principal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mal-ghazla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita' tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entita' taghha, soggettiva u oggettiva."*

*Elenkati dawn il-principji generali ta' dritt, din il-Qorti tissottolinea l-principji krucjali li t-Tribunal kellu jidderiegi ruhu bihom ghas-soluzzjoni tal-vertenza u cioe' il-gravita' o meno tan-nuqqas tal-impjegat, il-pozizzjoni tieghu fl-azjenda kif ukoll il-proporzjonalita' bejn in-nuqqas ravvizat u l-kastig moghti.*

*Ix-xenarju li emerga quddiem it-Tribunal kien ta' mpjegat, inkarigat li jissorvelja s-sigurta' tal-Kumpanija, b'karriera mifruxa fuq aktar minn tletin sena li "x-xoghol tieghu kien jaghmlu tajjeb", li kien "habrieki u biezel" u li "kien bniedem ubbidjenti hafna....u tal-affari tieghu", u li*

*f'cirkostanza partikolari vvjola regolament tas-socjeta' appellata meta caqlaq stocc kolla minn Dipartiment ghall-iehor fil-kumpless intern tal-fabbrika minghajr ma gab l-awtorizzazzjoni tal-persuna nkarigata. Dan il-fatt ma giex negat mill-appellant u l-episodju gie registrat fuq ic-CCTV tal-Kumpanija. Irrizulta wkoll mill-provi li wara li l-appellant ha l-istocc, huwa ghamel xi hin idur fil-fabbrika bih fil-but minhabba mpenji ohra, liema stocc kien mhux biss jisporgi mill-but tal-qmis fejn tpogga izda kien ukoll vizibbli minhabba l-kulur blu jghajjat tieghu meta mqabbel mal-qmis bajda tal-uniformi li kien liebes l-appellant. Meta huwa gie rinfaccjat minn ufficjali tal-Kumpanija li staqsewh jekk kienx ha dan l-istocc, huwa ma nnegax u rritornalhom l-istocc. Sussegwentement huwa spjega lis-superjuri tieghu li dan kien isselfu biex isewwi plakka mkissra li gab mid-dar u li kien pogga fil-locker tieghu. Meta gie sgassat dan il-locker mill-kumpanija, instabet plakka miksura. Dwar l-istocc ta' kolla mehud mill-appellant irrizulta li ghalkemm is-socjeta' appellata kienet xtrat dawn l-istoccijiet ghall-prezz ta' cirka €46 fl-epoka tal-avveniment in kwistjoni, l-appellant gab prova wkoll li dan il-prodott seta' jigi facilment akkwistat minn fuq l-internet ghall-prezz ta' £7.19 (sterlina). L-istoccijiet li pprezentaw il-partijiet jidhru identici. Inoltre, filwaqt li s-socjeta' appellata ddeskriviet dan l-istocc ta' kolla bhala "stocc specifiku li jintuza fuq makkinarju specifiku biex jitwahhal bih features fuq il-karta tal-flus liema features jaghmlu din il-karta ta' flus inqas possibbli li tigi counterfeited", id-deskrizzjoni tal-prodott esebita mill-appellant turi li dan huwa adattat ghal "rapid bonding of a wide range of materials, including metals, plastics and elastomers".*

*It-Tribunal ikkonkluda li l-principal kien gustifikat li jkecci lill-impjegat, ghalkemm irrikonoxxa li dan ma kienx kaz ta' 'certa gravita' enormi', wara*

*li qies li:-*

*1. L-appellat hu mpjegat bhala ufficjal tas-sigurta u ghalhekk bid-dmir li jiehu hsieb is-sigurta' tal-principal;*

*2. Il-fatt li kien jaf li hemm il-cameras. Ghalhekk kellu joqghod iktar attent u jitlob permess;*

*3. Il-fatt li kien jaf li kellu jitlob permess sabiex jinhareg xi haga mid-Dipartiment ghall- iehor;*

*4. Il-fatt li jekk kull impjegat jissellef xi haga, iwassal ghal stat ta' tahwid;*

*5. Il-fatt li x-xoghol tal-principal hu printing tal-flus u taghmel il-passaporti, juri li s-sigurta' hi xi haga ta' mportanza.*

*Pero' kif rajna meta l-principal jiddeciedi li jkecci l-impjegat, ghandu jkun hemm proporzjonalita' mal-addebitu. Fil-fehma tal-qorti mis-sentenza jidher li t-Tribunal naqas milli jaghmel dan l-ezercizzju. Nuqqas li jaghti dritt ta' appell peress li t-Tribunal naqas milli jaghmel l-ezecizzju mehtieg biex jiddetermina kienx hemm proporzjonalita' bejn id-decizjoni u l-addebitu. F'dan ir-rigward kien hemm diversi fatti li kienu rilevanti li jigu kkunsidrati sabiex it-Tribunal jiddetermina jekk il-principal kienx agixxa b'mod ragonevoli meta ddecieda li jittermina l-impieg tal-appellant. F'dan ir-rigward kien rilevanti li:-*

*i. l-appellant kien ilu tletin (30) sena mpjegat mas-socjeta' appellata;*

*ii. kien impjegat fidil, lejali u tal-affari tieghu. Lill-principal qatt ma tah problemi. M'hemmx provi li qabel sehh dan il-kaz kienu ttiehdu xi passi dixxiplinari kontra l-appellant dwar xi kaz iehor.*

*iii. il-principal kien jafdah tant li kemm-il darba kien intbaghat barra minn Malta b'ammonti konsiderevoli ta' flus. M'hemmx dubju li l-impjegat ikun fdat b'dak il-mod ghaliex l-atteggament tieghu fil-qadi ta' dmirijietu jkunu ezemplari.*

*iv. dan ma kienx kaz ta' serq imma kaz fejn l-impjegat issellef stocc kolla biex bih isewwi plug tal-elettriku li kellu fil-locker. Il-fatt li l-appellant ha l-oggett mieghu fuq il-post tax-xoghol, jindika li ma kellux l-intenzjoni li jisraq l-istocc. Il-prezenza tal-plug fil-locker hi prova li l-intenzjoni tal-appellant kienet li jaghmel it-tiswija fil-post tax-xoghol. Kieku kellu ntenzjoni ohra ma kienx ser joqghod jiehu l-plug fil-post tax-xoghol.*

*v. in-natura tal-oggett u l-valur baxx tieghu.*

*vi. l-uzu li l-appellant ried jaghmel mill-istocc.*

*vii. ma jirrizultax li kien hemm hazen fl-appellant. Tant hu hekk li ha l-oggett minn post li kien sorveljat permezz ta' CCTV cameras u l-istocc poggieh fil-but tal-qmies u ghamel hin konsiderevoli jdur bih fil-but. Mid-daqs tal-kaxxa u l-istocc tal-kolla hu evidenti li fil-but tal-qmis, parti mhux zghira mill-istocc kienet 'il barra mill-but u ghalhekk jidher. Cirkostanzi li jeskludu l-mala fede fl-appellant.*

*Mis-sentenza jidher t-Tribunal ma qiesx kienx hemm proporzjonalita' bejn l-incident u t-tkeccija tal-appellat, u dan wassal biex l-imsemmija cirkostanzi ma gewx ikkunsidrati meta kienu ferm rilevanti biex jigi determinat jekk it-tkeccija kinitx ragonevoli.*

*It-Tribunal kien korrett li kkunsidra l-fattur tal-kariga li kien jokkupa l-appellant meta qies li naqas meta hareg oggett miz-zona tal-produzzjoni.*

*Kien korrett ukoll it-Tribunal meta qies fatturi bhan-nuqqas tal-appellant li jitlob permess qabel ma ha l-kolla u li n-natura tax-xoghol ezegwit mis-socjeta' appellata tirrikjedi li jkun hemm sigurta'. Ghalhekk jidher li xi mizura ta' dixxiplina ghal dan in-nuqqas kienet flokha. S'hawnhekk il-qorti taqbel ma' dak deliberat mit-Tribunal. Izda l-qorti tirrileva li t-Tribunal kellu wkoll l-obbligu li jevalwa c-cirkostanzi kollha tal-kaz fil-kuntest tal-principji l-ohra bazilari u mportanti ta' dritt u cioe' –*

*i. Li t-tkeccija mill-impjieg hija gustifikabbli biss bhala konsegwenza ta' offiza gravi; u*

*ii. Il-mizura ta' dixxiplina mehuda mill-principal trid tkun proporzjonata meta kkunsidrata mac-cirkostanzi hawn fuq imsemmija.*

*Mis-sentenza jidher li t-Tribunal m'ghamilx din l-evalwazzjoni, u ghalhekk hemm bazi ghall-ilment tal-appellant.*

*Il-Qorti taghmilha cara li b'ebda mod mhi tapprova n-nuqqas tal-appellant jew li m'hemmx htiega ta' regolamenti rigoruzi ta' sigurta' gewwa fabbrika bhal dik tal-appellata. Madankollu meta tqis ic-cirkostanzi kollha, inkluz il-fatt li l-akkuza fil-konfront tal-appellant kienet it-tnehhija ta' stocc kolla minn zona ghall-ohra minghajr permess fil-fabbrika stess, anke jekk dan sar minn ufficjal tas-sigurta', tqis li m'hemmx proporzjonalita' bejn l-incident u t-tkeccija tal-appellant. Sahansitra kien it-Tribunal stess li rrikonoxxa "..... illi huwa minnu li dan m'huwiex kaz ta' certa' gravita' enormi". L-isproporzjon bejn l-agir kolpuz tal-appellant u l-kastig moghti lilu huwa manifest – dan meta l-qrati stess iddeskrivew l-impjieg bhala s-sors ewlieni tal-ghajxien ta' familja u ghandu jigi nterrott biss ghal ragunijiet serji. Il-konkluzjoni tat-Tribunal ghaldaqstant hija decizament*

*kontradittorja ma' dawn il-principji ta' dritt u ma tistax tigi konfermata.*

*Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant, sa fejn biss huwa kompatibbli ma' dak hawn deciz, tichad ir-risposta tal-appell tas-socjeta' appellata u thassar u tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali tal-4 ta' Gunju 2012 fl-ismijiet premessi u tiddikjara u tiddeciedi li t-tkeccija tal-appellant mill-impjieg kienet wahda ngusta u mhux skont il-ligi.*

*Ghaldaqstant tordna li l-atti jintbaghtu lura lit-Tribunal sabiex jaghti rimedju skont il-ligi.*

*Bl-ispejjez taz-zewg istanzi a karigu tas-socjeta' appellata.'*

3. It-tieni decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell dwar dan il-kaz iggib id-data tat-23 ta' April, 2018 fejn fil-parti saljenti taghha u a skans ta' repetizzjoni taqra kif isegwi:

*'6. B'decizjoni mogħtija fil-15 ta' Dicembru 2016, din it-Tribunal ordna lis-socjetà intimata De La Rue Currency and Security Print Ltd biex tagħti kumpens lir-rikorrent ta' tmintax-il elf Ewro (€18,000) mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2017;*

*7. Minn din is-sentenza appella r-rikorrent. Jilmenta li t-Tribunal "fajjar" somma mingħajr ma spjega kif wasal għaliha u kif din is-somma kienet tikkombacja ma' u tirrifletti l-vot kontemplat fil-proviso għall-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 fid-dawl tal-provi prodotti;*

*8. Is-socjetà appellata wiegbet li meqjus li l-agir tal-appellant kien tali illi*

*kkontribwixxa għal dak li gralu, id-decizjoni appellata tirrispekkja l-ligi u għandha tigi konfermata;*

***Ikkunsidrat:***

*9. Permezz ta' l-appell odjern ir-rikorrent qed jilmenta li l-kumpens likwidat mit-Tribunal ma qiesx id-danni reali u t-telf effettiv li huwa garrab skont il-parametri dettati fl-Artikolu 81(2) tal-Kapitolu 452. Jilmenta illi huwa kontro-sens li l-ligi trid li t-Tribunal, meta jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens, iqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun gie mkecci mingħajr kawza gusta kif ukoll cirkostanzi oħra, inkluzi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffetwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem, imbgħad it-Tribunal kif għamel fil-kaz odjern, jgħid illi qieshom imma jiskartahom bla ma joffri ebda konsiderazzjoni u raguni għala. Jikkontendi li t-Tribunal kellu quddiemu telf ippruvat b'konsegwenza ta' terminazzjoni ngusta mill-impieg li minimament jaqbeż id-€90,000, izda b' mod inspjegabbli, u bla ma ngħatat raguni għala, il-kumpens likwidat kien fis-somma ta' €18,000 biss;*

*10. Illi l-artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 jipprovdi kif ġej:*

*'Meta, fuq ilment magħmul skont l-arikolu 75, it-Tribunal isib li r-raġunijiet għall-ilment ikunu bbażati tajjeb –*

*(a) f'kazi ta' tkeccija mingħajr kawza gusta, jekk ma jkunx hemm talba specifika biex jerga' jidħol fl-impieg jew jerga' jigi mpjegat, jew it-Tribunal jiddeciedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerga' jidħol fl-impieg jew jerga' jigi mpjegat kif intqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-principal lil min jagħmel*

*l-ilment, rigward it-tkeccija:*

*Izda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun gie mkecci mingħajr kawza gusta kif ukoll cirkostanzi oħra, inkluzi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem.'*

*11. Il-kunsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal kienu s-segwenti:*

** fid-decizjoni ta' din il-Qorti tas-27 ta' April 2016 gie deciz li t-tkeccija tal-appellant mill-impieg kienet waħda ngusta u mhux skont il-ligi minħabba nuqqas ta' proporzjonalità bejn l-incident u t-tkeccija tal-appellant; ma jirrizultax li kien hemm ħazen fl-appellant u c-cirkostanzi jeskludu malafede;*

** fid-decizjoni surriferita gie meqjus ukoll minn din il-Qorti li t-Tribunal kien korrett li kkunsidra l-fattur tal-kariga li kien jokkupa l-appellant meta qies li naqas meta ħareg miz-zona tal-produzzjoni mingħajr permess; in-natura tax-xogħol ezegwit mis-socjetà appellanti tirrikjedi li jkun hemm sigurtà; u li xi mizura ta' dixxiplina kienet flokha;*

** l-akkuza kontra r-rikorrent kienet ta' pussess mingħajr awtorizzazzjoni ta' proprjetà tal-Kumpannija minn impjegat li kien imħallas biex jaqdi dmirijiet ta' 'Security Guard';*

** din il-Qorti ddikjarat li dan ma kienx kaz ta' serq;*

** ir-rikorrent kellu bizżejjed tagħrif tal-materja tas-sigurtà u maturità bizzejjed biex ikun konxju l-ħin kollu tal-konsegwenzi, anki għalih innifsu, li nuqqas ta' alertness fil-ħarsien tas-sigurtà jkollu;*

** is-sigurtà hija ntrinsika fin-natura ta' l-operat tas-socjetà ntimata;*

** r-rikorrent kien impjegat biex jezegwixxi d-dmirijiet u jassumi r-responsabbiltà ta' security guard fuq bazi full time għal zmien indefinit;*

** meta tkecca r-rikorrent kien fadallu erba' snin biex jilħaq l-età ta' l-irtirar u kellu 32 sena servizz bħala security guard mal-intimata;*

** skont ir-rikorrent kien jagħmel qrib it-Lm13,000 fis-sena mal-intimata fiz-zmien meta tkecca u kieku baqa jaħdem sakemm għalaq il-61 sena mas-socjetà intimata kien jikkwalifika għal beneficcju tat-tmiem l-impieg ta' bejn Lm6,000 u Lm7,000 liema cifri ma gewx kontestati;*

** skont id-dokumenti tal-ETC ir-rikorrent tkecca mill-intimata fid-19.06.2008 u beda fl-impieg gdid fl-14.07.2008. Isegwi li dam tlett gimgħat qiegħed sakemm sab impieg alternattiv;*

** l-impieg li r-rikorrent sab wara li ma baqax impjegat mas-socjetà intimata kien jirrendilu madwar €1,000 fix-xahar, liema cifra ma gietx kontestata;*

** fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent qajjem il-punt li t-tkeccija ppregudikat l-pensjoni tiegħu minkejja li l-employment history in atti hija datata Jannar 2010 b'dan illi ma jirrizultax jekk sabx impieg aħjar wara din id-data sa meta laħaq l-età tal-irtirar għalkemm dan ma giex kontestat;*

** il-ligi tirreferi għal danni reali mhux morali;*

** il-ligi trid li t-Tribunal 'iqis' id-danni reali u telfien ieħor meta jistabbilixxi l-ammont tal-kumpens u ma tgħidx li l-kumpens għandu 'jikkonsisti f'ekwivalenti għad-danni reali (u telfien ieħor); (anki l-verzjoni bl-Ingliz tgħid shall take* ***into*** *consideration mhux shall take* ***as*** *consideration)';*

** osservat li fil-passat is-soċjetà intimata trattat kazi fejn security guards naqsu minn dmirijiethom billi ngħataw xogħol ieħor bħala printers;*

** kunsiderazzjoni ta' reinstatement tar-rikorrent hija impossibbli peress li huwa ssupera l-età tal-irtirar;*

*12. Filwaqt li l-konsiderazzjonijiet surriferiti huma kollha rilevanti fid-determinazzjoni ta' kumpens xieraq mistħoqq mir-rikorrent appellant, l-appellant jistieden lil din il-Qorti tevalwa jekk effettivament tali kunsiderazzjonijiet gewx applikati fil-likwidazzjoni tal-kumpens magħmula mit-Tribunal jew gewx inkella għal kollox skartati mingħajr motivazzjoni kif allegat minnu;*

*13. In materia ta' kumpens a tenur tal-Artikolu 81(2) tal-Kapitolu 452, il-gurisprudenza nostrana ppronunzjat ruħha kemm-il darba:*

*'Kwantu għad-doljanza l-oħra tas-socjeta` appellanti riferibilment għan-nuqqas ta' motivazzjoni adegwata fil-kaz tal-kumpens likwidat, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi s-sottomissjonijiet avvanzati ma jistgħux ikunu ta' vantagg għall-akkoljiment tat-tieni aggravju;*

*Ibda biex il-ligi specjali applikabbli ma tipprovdi mkien regoli fissi dwar l-ammont tal-kumpens. Tillimita ruħha fil-proviso ta' l-Artikolu 81 (2) ta' l-Att biex tippreciza certi kriterji li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni għall-istabilizzar ta' l-ammont tal-kumpens. Jigifieri "it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun gie mkecci mingħajr kawza gusta, kif ukoll cirkustanzi oħra, inkluzi l-eta' u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal ta' l-impjieg ta' dak il-ħaddiem";*

***Minn dan hu dezumibbli li l-iffissar ta' l-ammont tal-kumpens hu rimess għall-arbitriju tat-Tribunal. Arbitriju dan, li hu mistenni wkoll, u dejjem, li jkun wieħed boni viri, bazat fuq apprezzament ekwu skont il-mudell solitu tal-bonus paterfamilias. Tali apprezzament ekwu jimplika gudizzju li jzomm qies taċ-ċirkostanzi fattwali kollha u rikonċiljat ma' l-ezercizzju korrett tal-poteri tat-Tribunal, fl-ambitu wkoll tad-dispost appena accennat;***

*Issa huwa veru illi l-motivazzjoni, allavolja tista' ma tkunx waħda elaborata, hi ta' essenza tal-gudizzju. Fil-ħsieb ta' din il-Qorti s-sentenza in ezami tikkontjeni dan il-minimu ta' motivazzjoni meħtiega biex tirrendiha ritwali taħt dan l-aspett. Dan qed jiġ rilevat in kwantu jidher mill-parti razzjonali tagħha illi t-Tribunal iffissa l-kumpens wara li ħa qies "taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz u s-soliti fatturi". Wieħed ma għandux għalfejn jiddubita illi fost dawn il-fatturi soliti kien hemm ukoll il-kriterji preċizati fid-dispost fuq imsemmi. Hemm ukoll indikazzjoni ta' x'kienu l-elementi fattwali li wasslu lit-Tribunal għall-fissazzjoni tal-kumpens minnu likwidat.* ***Ma kienx mistenni li t-Tribunal jinoltra ruħu f'ragonament dettaljat ta' kif wasal għalih.*** *Il-motivazzjoni additata mit-Tribunal hi waħda suffiċjenti u allura in bazi għall-istess rizultanzi processwali u kriterji statutorji, din il-Qorti ma ssibx li hu l-kaz li tindaga oltre l-operat u diskrezzjoni tat-Tribunal. Tosserva biss li hi sodisfatta illi d-dettami tal-ligi fuq din il-materja gew rispettati mit-Tribunal u li, f'dan is-sens, id-deċizjoni tiegħu hi waħda suffiċjentement korretta ta' l-istħarrig u evalwazzjoni tal-provi u l-iffissar tal-kumpens.' (enfasi ta' din il-Qorti)*

*14. Fil-kaz* ***Saviour Sammut vs Auto Sales Limited*** *deciz minn din il-Qorti diverasment presjeduta fid-19 t'Ottubru 2005 ingħad inoltré li:*

*'Fl-Artikolu 81 (2) (a) tal-Kapitolu 452 il-ligi tipprovdi* ***ndikaturi*** *ta' dak li t-Tribunal kellu jieħu in konsiderazzjoni fil-fissazzjoni tal-kumpens imma mbagħad tħalli f'idejn l-istess Tribunal li hekk jillikwida u jiddetermina l-istess kumpens.* ***Kemm kellu jkun dan il-kumpens mhux sindakabbli minn din il-Qorti, una volta li t-Tribunal ikun dehrlu li kienu jezistu ragunijiet bizzejjed biex jillikwida l-kumpens fis-somma ffissata minnu.*** *Huwa veru li tali likwidazzjoni tista' forsi titqies a prima vista esagerata izda b'daqshekk ma jfissirx illi t-Tribunal injora l-indikaturi prefissi mil-ligi, u li, del resto, ma jidhirx li huma għal kollox ezawrjenti.* ***Kollox ma' kollox, imbagħad, ma jidhirx li t-Tribunal ezercita' l-poter diskrezzjonali tiegħu fl-iffissar ta' dan il-kumpens b'mod manifestament inekwu u sproporzjonat****. Mhux il-kaz allura li, kif mitlub, din il-Qorti tħassar l-ordni ta' kumpens jew li timmodifika l-kwantum ta' l-istess kumpens.' (enfasi ta' din il-Qorti)*

*15. Fl-istess jum ingħatat ukoll id-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Joan Zammit vs S. Borg & Sons Ltd*** *fejn ingħad: '****l-ligi tagħna ma timponi ebda limitu ta' kumpens.*** *Toffri biss il-kriterji ta' kif għandu jitkejjel dan il-kumpens. Inter alia, it-teħid in konsiderazzjoni tad-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun gie mkecci mingħajr kawza ġusta oltré dawk ic-cirkostanzi l-oħra bħall-eta` u s-snajja li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal ta' l-impjieg ta' dak il-ħaddiem [Artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 452].* ***Il-likwidazzjoni ta' dan il-kumpens hu mħolli fl-arbitriju diskrezzjonali tat-Tribunal u sakemm din l-istess likwidazzjoni ma tinstabx li hi sproporzjonata jew irragonevoli mhux il-kaz li***

***din il-Qorti tiddipartixxi mill-konkluzjoni tat-Tribunal fir-rigward.'*** *(enfasi ta' din il-Qorti)*

*16. F'dan il-kuntest issir ukoll referenza għad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet* ***Joseph Paris vs The Cargo Handling Company Limited, u b' digriet tas-16 ta' Diċembru 2008 l-atti gew trasfuzi f'isem Dottor Abigail Galea bħala stralcjarju ta' l-istess The Cargo Handling Company Limited*** *deciza fit-23 ta' April, 2010:*

*17. 'Jibda biex jigi registrat illi hu principju san illi t-trattazzjoni ta' kawza quddiem l-ewwel tribunal tkun, sa fejn legalment possibbli, ezawrjenti u kompluta mill-provi kollha li kienu meħtiega u li l-partijiet setgħu jgibu 'l quddiem għas-soluzzjoni tal-kaz. Ara "****Giuseppe Buttigieg -vs- Nicola Aquilina****", Appell Inferjuri, 11 ta' Settembru, 1937. Ugwlament ukoll pero' hu principju daqstant ieħor valevoli illi s-sentenza pronunzjata minn dak l-istess tribunal tkun arginata fuq il-provi kollha li jkunu in atti b'mod li l-affermazzjonijiet li jsiru fil-parti konsiderattiva tagħha jirriflettu tabilħaqq ir-rejaltà processwali u r-rizultanzi struttorji għaliex jekk ma jsirx dan ma tkunx qed issir vera gustizzja ma' xi parti u s-sentenza tista' għaldaqstant titqies difettuza. Ara "****Salvatore Caruana -vs- Carmelo Magro****", Appell, 14 ta' Novembru, 1996. Raġonevolment, għandu jizdied illi, jekk it-Tribunal ikun ħa konjizzjoni tal-provi kollha attendibbli fil-process, hi fil-prattika kostanti ta' din il-Qorti ta' revizjoni illi ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' dak l-istess tribunal. Dan igħodd ukoll fil-kaz tal-komputazzjoni tal-kumpens in kwantu dak l-ezercizzju diskrezzjonali jirrientra fl-isfera esklussiva tiegħu, u l-entità tal-kumpens hu dejjem imħolli fl-arbitriju prudenzjali ta' l-istess*

*tribunal adit. Ara, fost oħrajn id-decizjonijiet ta' din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet "***Alison Fiorentino -vs-Dragonara Casino Ltd***", 19 ta' Ottubru, 2005 u "***Anabelle Cumbo -vs- Float Glass Ltd***", 3 ta' Ottubru, 2008.* ***Ukoll hawn, pero', ma jistax jonqos li jigi osservat illi teżisti dejjem ir-rizerva għall-kaz fejn ikun jirrizulta illi l-likwidazzjoni hi manifestament zbaljata, jew għal xi raguni gravi oħra.*** *Ara f'dan is-sens il-kumment ta' din il-Qorti fil-każijiet "***Ivan Zammit -vs- S. Borg & Sons Ltd***", 19 ta' Ottubru, 2005 u "***Godwin Vassallo -vs- Vittoriosa Gaming Ltd***", 28 ta' Marzu, 2008.* ***Dan ifisser illi l-arbitriju għandu jkun wieħed boni viri, bazat fuq l-apprezzament ekwu skont il-mudell legali solitu u ben not tal-bonus paterfamilias. Tali gudizzju ekwu jimplika gudizzju li jzomm qies tac-cirkostanzi fattwali kollha u rikonciljat ma' l-ezercizzju korrett tal-poteri tat-Tribunal fl-ambitu ta' l-Artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 452.*** *Ara "***Peter Spiteri -vs- Xuereb Glass Co. Ltd***", 10 ta' Ottubru, 2005, citata wkoll mis-socjeta` appellata fit-twegiba ta' l-appell tagħha' (enfasi ta' din il-Qorti)*

17. *Addirittura, fid-decizjoni fl-ismijiet* **Godwin Vassallo vs Vittoriosa Gaming Limited** *deciza fit-28 ta' Marzu, 2008 din il-Qorti nterpretat l-imsemmi artikolu tal-Kap. 452 kif gej:*

*'Huwa veru li, a prima vista, il-kumpens likwidat f'dan il-kaz jista' talvolta jidher esagerat imma dan m'għandux ifisser illi t-Tribunal injora l-indikaturi prefissi mil-ligi fl-Artikolu 81 (2) (a) tal-Kapitolu 452. Biex jingħad kollox, dawk l-indikaturi ma humiex eżawrjenti u din il-Qorti għandha ragonevolment tassumi illi t-Tribunal ħa in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Mhux l-anqas, il-konkorrenza ta' dik il-*

*gravozita' magguri,* ***anké morali****, konsegwita minn impjegat ingustament sfiducjat minn min iħaddmu.'*

*18. Jinsilet minn din il-gabra gurisprudenzjali li:*

*- fil-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ambitu tal-Artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 452, it-Tribunal għandu diskrezzjoni u sakemm din l-istess likwidazzjoni ma tinstabx li hi sproporzjonata jew irragonevoli mhux il-kaz li din il-Qorti tiddipartixxi mill-konkluzjoni tat-Tribunal fir-rigward;*

*- l-arbitriju tat-Tribunal għandu jkun wieħed boni viri, bazat fuq apprezzament ekwu skont il-mudell tal-bonus paterfamilias li jimplika gudizzju li jzomm qies tac-cirkostanzi fattwali kollha u rikonciljat ma' l-ezercizzju korrett tal-poteri tat-Tribunal, fl-ambitu tal-Artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 452;*

*- l-indikaturi msemmija fl-imsemmi artikolu ma humiex ezawrjenti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jinkludu l-konkorrenza ta' dik il-gravozità magguri, anké morali, konsegwita minn impjegat ingustament sfiducjat minn min iħaddmu;*

*- l-ligi tagħna ma timponi ebda limitu ta' kumpens izda toffri biss il-kriterji ta' kif għandu jitkejjel dan il-kumpens;*

*19. Mill-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 hu evidenti li l-kumpens li qeghdha tikkontempla l-ligi huma danni kemm reali u futuri.*

*20. Is-somma li jippretendi r-rikorrent tikkonsisti fis-segwenti: (i) telf ta' salarju sakemm sab impieg ieħor; (ii) id-differenza bejn is-salarju li kellu mas-socjetà appellata u s-salarju li ppercepixxa fl-impieg sussegwenti*

*tiegħu; (iii) telf ta' beneficcju għat-tmiem tal-impieg li kien intitolat għalih meta jirtira minn mas-socjetà appellata:*

*i. kif tajjeb ikkunsidra t-Tribunal, skont id-dokumenti tal-ETC ir-rikorrent tkecca mill-intimata fid-19.06.2008 u beda fl-impieg ġdid fl-14.07.2008. Isegwi li r-rikorrent dam tliet gimgħat qiegħed sakemm sab impieg alternattiv. L-appellant xehed li kien jagħmel qrib it-Lm13,000 fis-sena mal-intimata fiz-zmien meta tkecca. Konvertita f'ewro din is-somma tekwivali għal €30,281.85. Isegwi li s-salarju għal tliet gimgħat kien ta' cirka €1,747.03;*

*ii. jikkontendi li d-differenza bejn is-salarju li kellu mal-appellanti u s-salarju li kien jipperċepixxi mill-impieg li sab wara li tkeċċa kien ta' €18,281.85 (€30,281.85 - €12,000) fis-sena. Ir-rikorrent jippretendi d-differenza bejn iz-zewg pagi għal 4 snin, ossija sad-data tal-irtirar, li skont dawn il-figuri tammonta għal €73,127.4.*

*iii. ir-rikorrent xehed li kieku ma tkecciex kien jikkwalifika għall-beneficcju tat-tmiem l-impieg ta' bejn Lm6,000 (€13,976.24) u Lm7,000 (€16,305.61). Mill-atti ma jirrizultx kif kien jinħadem dan il-beneficcju izda dawn ic-cifri ma gewx kontestati.*

*21. Mid-decizjoni tat-Tribunal hu evidenti li dawn l-ammonti kollha accettahom bħala prova (ara pagna 353).*

*22. Filwaqt li m'hemmx dubju li hemm element ta' diskrezzjoni meta t-Tribunal jigi biex jillikwida l-kumpens, id-decizjoni għandha tkun motivata f'kull aspett. Fil-kaz tal-lum it-Tribunal illikwida somma ta' €18,000. Cifra li hi ferm 'il bogħod minn dak li jidher li r-rikorrent tilef*

*b'rizultat tat-tkeccija.*

23. *Ma jirrizultax li c-cifri li semma' r-rikorrent għal dak li jirrigwarda salarju li kellu fi zmien li tkecca mill-impieg, salarju li kellu fl-impieg il-gdid li sab tliet gimgħat wara tkecca, u beneficcju li kien jircievi kieku ma tkecciex, gew kontestati mill-intimata.*

24. *Bazat fuq il-provi li kellu quddiemu, u l-qorti hi tal-fehma li ma kien hemm xejn xi jzomm lit-Tribunal li jitlob lill-partijiet biex iressqu iktar provi dwar il-kumpens iktar u iktar meta tikkunsidra li t-Tribunal jirregola l-procedura tieghu, il-pretensjoni tar-rikorrent kienet ta' madwar disgħin elf ewro (€90,000). Peress li fid-data tad-decizjoni r-rikorrent kien diga' rtira bl-eta', dan ma kienx kaz fejn kien hemm x'incertezza.*

25. *Il-kumpens li tikkontempla l-ligi hu ovvjament għat-telf li l-impjegat isofri b'konsegwenza tat-tkeccija ngusta. Fis-sentenza t-Tribunal osserva:*

*"rigward il-kumpens għal danni reali, il-Ligi tgħid illi meta jistabbilixxi l-ammont tal-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali (u telfien ieħor); ma tgħidx għandu jikkonsisti fi, u ekwivalenti għad-danni reali (u telfien ieħor); (anki l-verzjoni bl-Ingliz tgħid shall take into consideration mhux shall take as consideration".*

*Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament. Ir-rikorrent tkecca ngustament u għandu jedd li jircievi kumpens li jkun jirrifletti t-telf li sofra b'konsegwenza tad-decizjoni ħazina li ħa l-principal. Il-qorti ma tara l-ebda raguni għalfejn kazijiet ta' tkeccija ngusta għandhom jigu trattati b'mod differenti minn kazijiet oħra fejn l-attur ikollu jedd jippretendi d-danni. Il-ligi hi cara dwar dak li t-Tribunal għandu jikkunsidra meta jillikwida l-*

*kumpens u meta t-Tribunal ikun qiegħed jezercita d-diskrezzjoni għandu jispjega b'mod car u li jiftiehem kif u għalfejn ikun illikwida s-somma li jikkundanna lill-principal iħallas. Id-diskrezzjoni ma tfissirx li t-Tribunal jista' jaqbad u jillikwida ammont li jkun. Fejn ikun hemm prova li l-impjegat ikun sofra d-danni, allura għandu jedd li jippretendi t-telf li jkun sofra.*

*26. Ovvjament min-naħa l-oħra t-Tribunal għandu wkoll jieħu in konsiderazzjoni cirkostanzi bħad-dmir tal-impjegat li jimmitiga t-telf u kontributorjeta fil-kondotta li tkun wasslet għat-tkeccija. Hawn tidħol id-diskrezzjoni. Madankollu t-Tribunal m'ghandux ifajjar cifra mingħajr motivazzjoni. Hu fatt li t-Tribunal għandu diskrezzjoni, pero' din trid tkun ezercitata b'mod ragonevoli u li tagħmel sens fic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz u d-decizjoni tkun motivata.*

*27. F'dan il-kaz wieħed jista' forsi jifhem li t-Tribunal ħa in konsiderazzjoni l-possibilta' li bħala mizura ta' dixxiplina r-rikorrent jingħata xogħol differenti. Fil-fatt għamel riferenza għad-deposizzjoni ta' Ronald Bonnici u Agnes Agius. Pero' t-Tribunal naqas milli:*

*i. Jagħmel paragun bejn ic-cirkostanzi tal-kazijiet li ssemmew minn Agnes Agius u l-kaz tar-rikorrent. Wieħed mill-kazijiet ssemma kien meta security guard iffalsifika ricevuti, u ieħor kien meta seraq biro li jidher li nsterqet mingħand impjegat. Kaz li m'għandu x'jaqsam xejn ma' dak tar-rikorrent li semplicement issellef stocc kolla biex juzah fil-post tax-xogħol mingħajr ma talab permess. Kull kaz għandu c-cirkostanzi partikolari tiegħu.*

*ii. M'hemm l-ebda prova tad-differenza fil-paga li kieku d-decizjoni kienet*

*dik ta' demotion minflok tkeccija. Il-qorti ma tifhimx kif seta' jsir xi ezercizzju simili mingħajr ma tkun taf il-kariga l-oħra x'salarju kellha. Dan iktar u iktar meta tqis dak li ser jingħad fil-paragrafu li jmiss. Hekk ukoll fiha nnifisha demotion hi mizura drastika li tista' twassal lill-impjegat biex jilmenta minn constructive dismissal.*

*28.Fil-kaz tal-lum t-Tribunal ikkundanna lill-intimata tħallas 20% biss ta' dak li ppretenda l-attur skont cifri li ma gewx kontestati mill-intimata, u li jidher li r-rikorrent tilef b'konsegwenza tat-tkeccija. Jibqa' l-fatt li t-Tribunal ma spjegax kif naqqas 80% minn dak li jidher li tilef ir-rikorrent. Fil-fehma tal-qorti fih innifsu dan hu punt ta' ligi li r-rikorrent għandu ragun jilmenta dwaru.*

*29. Peress li m'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti li tillikwida l-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrent, il-qorti ser ikollha terga' tibghat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex jiddeciedi l-kaz skont il-ligi.*

***Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak deċiż u tibghat l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex jiddeciedi skont il-ligi l-kwistjoni dwar il-kumpens li għandu jitħallas lir-rikorrent. Spejjez a karigu tal-intimata.'***

4. Rat illi s-socjetajiet intimati appellaw mis-sentenza tat-Tribunal li nghatat appuntu wara li l-atti gew rinvjati lilu kif suespost mill-Qorti tal-Appell u fl-aggravju taghhom jilmentaw illi skont huma t-Tribunal naqas meta stabilixxa l-kumpens fl-ammont hekk iffissat ghar-ragunijiet segwenti:

a) Illi t-Tribunal interpreta b'mod zbaljat il-provvedimenti tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell meta assuma li tali sentenza kienet b'xi mod torbtu illi jaghmel ezercizzju aritmetiku billi jara d-dhul attwali tal-appellat Davison ghall-perjodu sa kemm irtira minn meta tkecca u jaghmel semplici tnaqqis mill-paga li kellu u multiplikazzjoni bin-numru ta' snin u jzid maghhom it-terminal benefit li seta' tilef l-istess appellat biex jasal ghas-somma. Skont l-appellanti din ovvjament hija miziniterpretazzjoni tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell peress illi kieku l-affarijiet kienu daqshekk semplici, kienet tkun l-istess Qorti tal-Appell li taghmel l-ezercizzju u mhux tirrimanda l-atti biex ikun hemm konsiderazzjoni tal-kumpens mill-gdid.

b) Illi t-Tribunal naqas milli jottempera ruhu mad-dicitura tal-ligi u ma ghamilx l-ezercizzju ta' qisien tac-cirkostanzi kollha izda semplicement ghamel l-ezercizzju artimetiku li hu deskritt fl-ewwel aggravju seuspost. L-appellanti jsostnu li t-Tribunal kellu jikkonsidra l-elementi kollha msemmija fl-artikolu 81 (2) inkluz l-imgieba tal-appellat kemm fil-kuntest ta' dak li wassal ghat-tkeccija kif ukoll dak li jirrigwarda l-kwistjoni jekk genwinament kienx f'posizzjoni li ma jsibx xoghol imhallas ahjar. Skont l-appellanti ghalkemm dan l-ezercizzju ma jistax realment isir huma jsemmuh bhala ezempju ta' 'incertezza' li ghandha tigi tenuta kont fid-diskrezzjoni tat-Tribunal. Skont is-socjetajiet appellanti dawn l-incertezzi huwa rikonoxxuti fil-ligi civili meta jigi stabbilit d-'damnum emergens', izda jinsistu li t-Tribunal naqas milli jikkunsidrahom fid-decizjoni u ma nghatatx motivazzjoni reali.

c) Is-socjetajiet appellanti jsostnu wkoll li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-aspett tal-kuntest illi fih kull Award irid jigi moqri: -aspettattivi tas-'social partners' u tal-individwi li huma affettwati mid-dinamika ta' tkeccija u gudizzju dwar dan ma jistghux ikunu njorati u skont l-appellanti t-Tribunal wera nkoxxjenza meta ghamel dan.

d) Illi skont is-socjetajiet appellanti it-Tribunal naqas milli jifhem sew id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fejn osservat li kien hemm nuqqas ta' gustifikazzjoni u spjegat dwar kif l-ammont ta' kumpens kien gie ffissat mit-Tribunal w'ghalhekk dan kien wiehed mill-fatturi li minhabba fih intbaghtu lura l-atti ghand it-Tribunal. Skont l-appellanti d-decizjoni precedenti tal-Qorti tal-Appell ma kinitx neccessarjament tfisser li kellu jkun hemm zjeda fil-'quantum' u jsostnu li t-Tribunal rega' naqas milli jimmotiva sewwa d-decizjoni tieghu.

Ghar-ragunijiet suesposti, is-socjetajiet appellanti talbu li din il-Qorti tilqa' l-appell, tiddikjara d-decizjoni appellata nulla u minghajr effett u tordna li l-inkartament jinbaghat lura fir-Tribunal Industrijali skont il-ligi.

5. Rat illi l-appellat fil-partijiet saljenti tar-risposta tieghu qajjem l-oggezzjonijiet segwenti ghall-appell odjern kif isegwi:

a) Illi fil-maggoranza tieghu l-appell jikkonsisti biss f'appell indirett mis-sentenza precedenti tal-Qorti tal-Appell u li ghalhekk dan ma huwiex permissibbli. Ezempju ta' dan l-appellat isemmi dik il-parti tal-appell fejn jissemmew l-aspettattivi tas-*social partners* u tal-individwi affettwati f'kazijiet bhal dawk odjerni;

b) Dwar l-allegata ncertezza l-appellat isostni li mhux minnu li din kienet tezisti fl-atti, li ma tressqet l-ebda prova dwarha mis-socjetajiet appellanti quddiem it-Tribunal u li din tikkonsisti f'lanjanza gdida da parti tas-socjetajiet appellanti fl-istadju ta' appell. Ukoll l-appellat jinsisti li anki l-fatt li huwa kien baqalu biss erba' snin ghall-eta' tal-pensjoni u li huwa kien dejjem hadem ta' *security* kien difficli ferm li huwa jsib impjieg iehor alternattiv b'paga ghola minn dak li kien effettivament sab.

c) Dwar l-ilment tas-socjetajiet appellanti li t-Tribunal ghamel hazin meta assuma li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell kienet torbtu li jaghmel ezercizzju aritmetiku u li kieku kien hekk biss allura l-ezercizzju setghet ghamlitu l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell, l-appellat isostni li l-likwidazzjoni tal-kumpens ma tidholx fil-mansjoni tal-Qorti tal-Appell izda tat-Tribunal w'ghalhekk il-fatt li l-atti gew rimandati ma jfisser xejn aktar minn hekk.

d) L-appellant ma jaqbilx mal-argument tal-appellanti li d-decizjoni precedenti tal-Onorabbli Qorti tal-Appell ma kinitx neccessarjament tfisser li l-quantum originarjament deciz kellu jizdied. Isostni wkoll li t-Tribunal kien carissimu fil-mod kif wasal

ghas-somma likwidata ghall-kuntrarju ta' dak espost mill-appellanti.

e) L-appellant isostni li d-decizjoni tat-Tribunal kienet ben motivata tant li ddikjara car u tond li kien qed jaqbel ma' dak encunjat mill-Qorti tal-Appell li rrinvijat lilu l-atti.

f) Dwar l-ilment tal-appellanti li t-Tribunal ma ghamilx tnaqqis fl-ammont likwidat minhabba l-imgieba tal-appellat, l-appellat isostni li dan anki jekk jirrizulta ma jwassalx ghat-thassir tad-decizjoni tat-Tribunal stante li ma jikwalifikax bhala punt ta' dritt li jaghti dritt ta' appell, filwaqt li jinsisti li kien ragjonevoli ghat-Tribunal li ma jnaqqasx il-kumpens ghat-telf subit mill-appellat.

Ghar-ragunijiet suesposti, l-appellat talab li l-appell odjern jigi michud.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

7. Rat ix-xhieda, dokumenti, esebiti u l-atti kollha.

**Konsiderazzjonijiet**

8. Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-kwistjoni dwar jekk it-tkeccija tal-appellat Publius Davison kienitx wahda gusta jew le hija llum sorvolata permezz tal-ewwel decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-

Appell b'dana li huwa llum *res judicata* li l-appellat Publius Davison gie mkecci ngustament mill-appellanti odjerni. Il-fatti dwar kif l-appellat sefa' mkecca huma abbilment elenkati fl-ewwel decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hawn fuq kwotata w din il-Qorti qed taghmel taghha l-istess ai fini ta' dan l-appell.

9. Illi mit-tieni decizjoni tal-Qorti tal-Appell datata 23 ta' April, 2018 jirrizulta wkoll li l-ammont ta' salajru mitluf mill-appellat fis-somma ta' €1,747.03, id-differenza bejn il-salarju li kellu mas-socjetajiet appellanti u x-xoghol sussegwenti fl-ammont ta' €73,127.40 u l-ammont tal-beneficcju mal-irtirar fil-massimu ta' €16,305.61 gew konkretizzati fl-istess decizjoni w'ghalhekk illum ma jistghux jigu kontestati.

10. Illi t-Tribunal fid-decizjoni appellata wasal ghall-kalkolu tieghu tal-kumpens dovut kif isegwi:

*'It-Tribunal qed jigi mitlub mill-Qorti tal-Appell biex jillikwida d-danni li gie ppruvat li sofra l-appellant, liema likwidazzjoni ta' danni trid tkun tirrifletti danni reali u mhux danni ekwivalenti, kif diga' nghad f'sentenza ohra tat-Tribunal Industrijali iehor.*

*Tenut Kont ta' fatturi migjuba bi provi waqt is-smiegh tal-kaz cioe:*

*Li r-rikorrenti diga nghata ragun li sofra tkeccija ngusta minn sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' April, 2016 li rrevokat sentenza tat-Tribunal moghtija fl-4 ta' Gunju, 2012.*

*Li b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell f'decizjoni ulterjuri li nghatat fit-23 t'April, 2018 ir-rikorrenti nghata ragun li s-sentenza li tah it-Tribunal fil-15 ta' Dicembru 2016 u l-kumpens li nghata f'dik is-sentenza, kumpens ta' tmintax-il elf ewro, ma jirriflettux il-vera danni reali izda huma bazati fuq danni ekwivalenti.*

*Decizjoni*

*'Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li kif qal tajjeb il-Qorti ta' l-Appell, li ma hemm ebda raguni ghala persuna li tkun sofriet tkeccija ngusta m'ghandix tigi kkumpensata b'likwidazzjoni ta' danni reali sofferti u mhux danni ekwivalenti. Dan it-Tribunal huwa ukoll tal-fehma li jaghmel sew ir-rikorrent li: "jippretendi kumpens gust bhalma jaghmel kull attur iehor li jkunx sofra danni." Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jillikwida danni reali sofferti mir-rikorrenti kif migjuba fil-provi, li jammontaw ghas-somma ta' dighin elf, tliet mija u erbgha u sebghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€90,374.43). Din is-somma ghandha tithallas fi zmien xahar minn din id-data.'*

11. Jirrizulta ghalhekk li l-bazi tad-decizjoni tat-Tribunal kienu kif isegwi:

(i) Il-qbil tat-Tribunal mal-argumenti kollha mqajjma mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni datata 23 ta' April, 2018 b'dana li din il-Qorti tqis li t-Tribunal allura fid-decizjoni tieghu ghamel tieghu l-motivazzjoni **kollha** mqajjma fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell imsemmija;

(ii) Il-qbil tat-Tribunal ma' dak espost mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li s-somma ta' tmintax-il elf ewro originarjament akkorata ma tirriflettix il-vera danni reali sofferti mill-appellat.

(iii) Il-qbil tat-Tribunal mad-danni kif elenkati mir-rikorrent appellat Publius Davison u li ghalihom ghamlet referenza d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, hekk kif appuntu gew elenkati fit-tieni pagna tad-decizjoni tat-Tribunal ghajr ghal differenza fis-somma ta' madwar €850 likwidata anqas bejn il-massimu tad-danni pretizi mir-rikorrent appellat u dawk likwidati mit-Tribunal.

12. Illi l-ewwel aggravju tas-socjetajiet appellanti jsostni li t-Tribunal fid-decizjoni tieghu ghamel biss ezercizzju aritmetiku ghaliex hassu li hekk kien marbut li jaghmel konsegwenti ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell. Mid-decizjoni appellata ma jirrizultax li dan huwa minnu. Li kieku kien hekk it-Tribunal ma kienx jerga' joqghod jisma' l-partijiet jitrattaw quddiemu qabel ma jerga' jitfa' l-kaz ghad-decizjoni. Ukoll it-Tribunal kien jaqbad u jghodd l-ammonti msemmija fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell u jaghti decizjoni b'dak l-ammont, ammont li f'dak il-kaz kien jirrizulta li kien ikun aktar mill-anqas bis-somma ta' €805.61.

13. Illi l-argument suespost japplika wkoll ghat-tieni aggravju tal-appellanti. It-Tribunal qabel ta d-decizjoni tieghu sema' t-trattazzjoni tal-partijiet anki dwar il-punt tal-imgieba tal-appellat odjern u cioe' il-kwistjoni mqajjma mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

dwar il-kontibutarjeta' fil-kondotta li wasslet ghat tkeccija stante li indika li sema' t-trattazzjonijiet u li s-socjetajiet appellanti fit-trattazzjoni taghhom baqghu jinsistu li r-rikorrenti 'kellu hafna x'jahti ghal dak li garrab'. U dan is-socjetajiet appellanti ghamluh nonostante li l-ewwel decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet ghamlitha cara li l-kaz tal-kolla mehud minn dipartiment ghall-iehor f'wicc kulhadd fl-istess fabbrika ma setax jigi kkunsidrat bhala daqstant gravi li jimmerita t-tkeccija ta' impjegat, impjegat li kien ikkunsidrat mis-socjetajiet bhala mpjegat fdat, habrieki u leali ghal madwar tletin sena. Evidentement it-Tribunal ma qabilx mal-argument imqajjem mis-socjetajiet appellanti li r-rikorrent kellu hafna x'jahti w'ghalhekk ghazel biss li jnaqqas is-somma ta' €805.61 minn dak pretiz mir-rikorrent izda mhux aktar. Tenut kont tal-kaz u cioe' l-fatt li dak involut fil-kaz odjern kien stocc kolla ta' valur kontestat bejn €7 u €40 din il-Qorti ma tlumx id-decizjoni tat-Tribunal li fid-diskrezzjoni arbitrarja moghtija lilu mil-ligi japplika l-ammont biss ta' €805.61 bhala sanzjoni fil-konfront tar-rikorrent ghall-agir tieghu filwaqt li fil-bqija qabel ma' dak pretiz mir-rikorrent. Dan tenut kont ukoll li t-Tribunal ghamel tieghu l-motivazzjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li kienet tinkludi l-konkluzjoni li fl-atti lanqas biss tressqet prova dwar il-possibilita' li r-rikorrenti jinghata xoghol imhallas anqas (demotion) u kemm kien ikun is-salarju f'dik ic-cirkustanza. Tenut ukoll kont tal-fatt li l-Onorabbli Qorti tal-Appell kienet gia ddikjarat ruhha li fil-kaz odjern '*demotion*' kienet tkun mizura wisq drastika fil-fatt tal-kaz odjern. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellat li n-nuqqas ta' qbil da parti tal-appellanti mal-ammont

imnaqqas mid-danni sabiex jigi rifless l-agir tal-appellat kien fid-diskrezzjoni tat-Tribunal u ma jikkwalifikax bhala punt ta' ligi sindakabbli minn din il-Qorti.

14. Illi dwar it-tielet aggravju mqajjem mis-socjetajiet appellanti fejn issir referenza ghall-aspettattivi tas-*social partners* u ndividwi affettwati din il-Qorti tirrileva li dan il-punt ma jidhirx li qatt tqajjem quddiem it-Tribunal kif ukoll taqbel mal-appellat li dan l-aggravju jikkonsisti purament f'nuqqas ta' qbil mad-decizjoni precedenti tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fejn iddikjarat illi mill-artikolu 81 (2) tal-Kap. 452 hu evidenti li l-kumpens li qeghdha tikkontempla l-ligi huma danni kemm reali u futuri (ara paragrafu 19 tad-decizjoni datata 23 ta' April, 2018). Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-appellat li l-appellanti ma jistghux f'dan l-istadju jergghu jappellaw minn decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell. Din il-Qorti zzid li taqbel ma' dak deciz minn din il-Qorti tal-Appell diversament preseduta li ma tezisti l-ebda bazi legali ghalfejn kazijiet bhal dawk odjerni ghandhom jigu trattati b'mod divers minn kazijiet ohra ta' danni sofferti u b'zieda maghhom id-danni morali sofferti minn impjegat li jkun gie ngustament sfiducjat quddiem kulhadd fuq il-post tax-xoghol. Ghalhekk taqbel ukoll li fil-kazijiet odjerni apparti danni realment sofferti t-Tribunal ghandu wkoll jiehu kont u ghandu diskrezzjoni li jalloka danni morali konsegwenza tat-tkeccija ngusta sofferta. Fil-kaz odjern din il-Qorti zzid li lanqas huwa kaz li l-kumpens kalkolat jista' b'xi mod jitqies bhala sproporzjonat jew irragonevoli (kif tajjeb issostni l-gurisprudenza kwotata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-

decizjoni precedenti) anzi l-kumpens huwa riflessjoni ta' ammonti realment sofferti mill-appellat u mhux kontestati mis-socjetajiet appellanti fl-ebda stadju. Fil-bqija la darba l-ligi taghna ma timponi ebda limitu ta' kumpens il-Qorti tqis li l-likwidazzjoni tal-istess kienet kompletament imhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal li ghazel li jaghmel tieghu l-motivazzjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni precedenti u pprosegwa sabiex jiffissa l-ammont tal-kumpens.

15. Illi finalment b'referenza ghar-raba' aggravju tas-socjetajiet appellanti din il-Qorti ma taqbilx ma' dak espost minnhom li d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell precedenti ma kinitx neccessarjament tindika li kellu jkun hemm zieda fil-'quantum' tal-kumpens u dan stante li jidher li s-socjetajiet appellanti konvenjentement qed jinjoraw dik il-parti tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fejn tiddikjara li ma tara l-ebda raguni valida ghalfejn il-kumpens kellu jkun biss ekwivalenti ghall-20 % ta' dak pretiz mill-appellat. Dan neccesarjament kien ifisser li zgur l-ammont kif likwidat precedentement mit-Tribunal kellu jizdied. In oltre l-Qorti terga' f'dan l-istadju taqbel mal-appellant li dan l-aggravju *per conseguenza* jikkonsisti f'appell mistur mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell precedenti meta dan legalment ma jistax isir.

16. Illi ghaldaqstant in vista tas-suespost, din il-Qorti tqis li l-aggravji kollha tas-socjetajiet appellanti mhumiex legalment gjustifikati u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha sueposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet premessi datata 20 ta' Novembru, 2018.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

**(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**